Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru. 72/2011

Il-Pulizija

(Spt. Anthony Agius)

Vs

Emanuel Falzon

Illum 27 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Emanuel Falzon, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 68559M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bhala direttur tal-kumpanija Liberty Bakery Limited (C 15202) ghas-snin 1999, 2000, 2001, 2002, 2003, 2004, 2005, 2006, 2007, 2008 u 2009 b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jibghat il-formoli tat-taxxa skont id-disposizzjonijiet tar-regoli msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 23 tal-Kap. 372 kif ukoll fir-regoli tal-1998 dwar Final Settlement System (FSS) A.L. 88 tal-1998 mahruga ai termini tal-hawn fuq imsemmi artikolu 23 naqas milli jhares id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regoli.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-4 ta' Frar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u

23(1)(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 15, 20, 21(1) ta' l-Avviz Legali 88 tas-sena 1998, sabet lil-appellant hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500) u multa addizjonali ta' sebgha Euro (€7) ghal kull jum ta' nuqqas sakemm huwa jottempera ruhu.
Il-Qorti spjegat lill-appellant ai fini ta' l-artikolu 49(2) tal-Kap. 372 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk fi zmien hames snin jerga` jinstab hati ta' xi reat taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi (sew jekk ta' l-istess xorta sew jekk le) tinghata sentenza, b'zieda ma kull piena ohra, ta' mhux inqas minn tlett ijiem prigunerija, u hekk misjub hati ghat-tieni dara w wara, matul l-imsemmija hames snin, minkejja kull id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation jew f'xi legislazzjoni ohra, jinghata sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem, b'zieda ma' kull piena ohra hlief ghal prigunerija ghal zmien itwal.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-16 ta' Frar, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassaraha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-
Illi fl-ewwel lok l-appellant jirrileva illi s-sejbien tal-htija tieghu mill-Ewwel Qorti hija wahda "unsafe and unsatisfactory".
Illi l-appellant huwa tal-fehma illi in linea generali r-rizultanzi processwali huma nieqsa mill-piz ta' prova tali, rikjesta fil-kamp penali, li twassal sal grad tac-certezza

morali. Ma ngabitx prova sufficjenti li l-appellant kien direttur jew addirittura direttur tas-socjeta` msemmija, responsabbli skond l-imputazzjoni kif migjuba.

Lanqas ingabet prova sufficjenti li in effetti l-formuli msemmija ma gewx ipprezentati skond kif gie allegat.

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, f'kaz u f'kaz biss li jigi dikjarat li saret il-prova li l-appellant kien direttur, jigi sottomess li r-rizultanzi processwali juru sufficjentement li in effetti kienu ttiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex is-socjeta` msemmija tottempora ruhha mal-ligi. Din bhala konsegwenza ggib maghha n-nuqqas ta' rabta legali/penali bejn l-operat tal-appellant u l-allegazzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni kif migjuba fl-imputazzjoni.

Ghalhekk jigi sottomess li l-appellant a bazi tar-rizultanzi processwali, m'ghandux jinstab hati tal-imputazzjoni kif dedotta w minnha ghandu jigi lliberat skond il-ligi.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-appellant jemmen illi fil-kaz odjern jezistu fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena nflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-ewwel ilment imressaq mill-appellanti ghal gudizzju ta din il-Qorti huwa wiehed pjuttost frivolu u minghajr ebda bazi. Dan meta huwa jikkontendi illi ma kienx hemm prova fl-atti illi huwa kien direttur tas-socjeta Liberty Bakery Limited, meta jirrizulta mhux biss illi l-Ewwel Qorti kellha konferma f'dan ir-rigward minn Ivan Camilleri rapprezentant tal-MFSA, izda ukoll issa fi stadju ta' appell dan ix-xhud rega' ikkonferma dan il-fatt u anke iddikjara illi kien xehed f'dan is-sens quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti tqies, minghajr tlaqliq, illi l-appellanti qed jipprova jinqeda b'dan l-appell sabiex jiggwadanja iz-zmien biex ikun jista' ihallas l-ammont sostanzjali ta' arretrati ta' taxxa dovuta li akkumulaw matul is-snin bejn l-1999 u l-2009. Fil-fatt jirrizulta illi fis-sena 2011 huwa kien lahaq ftehim mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni biex ihallas dawn l-arretrati ratealment, liema pagamenti izda wara ftit taz-zmien waqqfu hesrem biex illum fis-sena 2016 ghad fadallu bilanc pendenti ta' €68292.

Maghdud dan allura huwa bil-wisq evidenti illi anke it-tieni aggravvju huwa insostenibbli. Dan ghaliex huwa indubitat illi ir-returns tat-taxxa dahhlu tardivament. Di piu' sas-sena 2008 l-ebda pagament ma gie effetwat b'uhud mir-returns jigu ipprezentati b'dokumenti neqsin u li setghu jigu iffinalizzati biss zmien wara. Illi mhux biss izda bil-ftehim milhuq mal-appellanti fis-sena 2011, l-Kummissarju tat-Taxxi Interni kien hanin mieghu meta sahansitra tfasslet skema ghat-tnaqqis tal-multi minhabba li ma kienx qed isir il-hlas ta'l-erarju pubbliku dovut. Illi allavolja intlahaq ftehim madanakollu l-appellanti xortawahda ma ottemparax ruhu mieghu, tant illi skont ix-xhieda ta' Jesmar Delmar, rapprezentant tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni jirrizulta illi l-appellanti illum jinsab erbatax-il pagament b'lura u il-ftehim skada fil-31 ta' Mejju 2013. Fid-dawl ta' dawn ir-risultanzi processwali allura l-lanjanza imressaq 'il quddiem mill-appellanti illi huwa ha il-prekawzzjonijiet necessarji sabiex jottempera ruhu mal-ligi hija ghal kollox fiergha. Mhux biss izda sahansitra fil-mori intallbu diversi differimenti sabiex dawn l-arretrati jigu imhallsa, izda sal-lum jidher illi lanqas biss sar pagament wiehed.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti ma tarax lanqas illi hemm lok ghal xi temperament fil-piena imposta mill-Ewwel Qorti billi ghalkemm ghaddew diversi snin, kif inghad, b'mhux inqas minn tmien talbiet ghal differiment minn naha ta'l-appellanti sabiex jirregola ruhu, l-ebda sinjal ta' rieda tajba ma intweriet minnu.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur